IL-ĦAMIS, 17 TA' SETTEMBRU, 2009

# l-orizzont

www.l-orizzont.com



Ritratt: ALBERT BORG

## Ħarsa ta' twissija

▲ Razza ta' klieb magħrufin bħala "Alaskan" donnhom li laqtu l-għajn ta' ħafna dilettanti tal-klieb f'pajjiżna, anke jekk hawn min jgħid li dawn imdorrijin jgħixu fil-kesħa u jbatu ħafna mis-sħana tas-sajf tagħna. Niko u Ice huma dawk li għaddielna ritratt tagħhom qarrej tagħna, bil-ħarsa ta' wieħed minnhom tindika xi forma ta' twissija.

Tixtieq li ritratti tiegħek jiġu ppubblikati f'dan il-ġurnal? Ibgħathom b'e-mail fl-indirizz fghirxi@unionprint.com.mt

It-tibdil fil-klima

# Il-PL lest jiddiskuti l-istrateġija tal-Gvern

● Il-Kelliem Ewlieni Laburista dwar l-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil tal-Klima, id-deputat parlamentari Leo Brincat qal li hemm baħar jaqsam bejn il-kliem u l-fatti fejn jidħol il-Ministru George Pullicino, speċjalment fejn tidħol l-enerġija alternattiva u t-tibdil tal-klima. Brincat qal li dan jikkonfermah George Pullicino nnifsu b'dak li qal dan l-aħħar.

Leo Brincat fakkar li l-Partit Laburista ilu li ddikjara li jinsab lest jiddiskuti fil-Parlament mingħajr vot id-dokument dwar l-istrateġija tal-Gvern dwar it-tibdil tal-klima appena jiftaħ il-Parlament. Għal raġunijiet mhux magħrufin dan id-dokument għadu ma sarx pubbliku minkejja li skont il-Ministru nnifsu, ilu li tressaq quddiem il-Kabinett minn Ġunju li għadda.

Hekk ukoll, il-Partit Laburista għamilha ċara li lest jagħti r-reazzjoni teknika dwar l-istrateġija tal-Gvern dwar l-immaniġġjar tal-iskart fil-Parlament ukoll ġaladarba

5



Il-Partit Laburista se jibqa' juri maturità u responsabbiltà fil-kwistjoni tat-tibdil tal-klima

# Il-bini ta' Future Focus Ltd bla faċilitajiet għal persuni b'diżabilità

1 » kien żar il-bini ta' Future Focus Ltd fil-Floriana u sab li dan mhux skont il-gwida ta' kif il-bini għandu jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Mal-bieb prinċipali kien sab rampa dejqa wisq, wieqfa wisq u bla poġġaman. Ġewwa m'hemmx lift li jistgħu jużawh persuni b'diżabilità f'bini mqassam fuq erba' sulari. Il-bibien tal-faċilitajiet sanitarji kienu dojoq wisq u persuna fuq siġġu tar-roti ma tgħaddix.

Is-sid ta' Future Focus Ltd Ms Rosanne Galea rrabjat ħafna li l-KNPD sabet dawn in-nuqqasijiet u baqgħet tinsisti li l-bini tagħha huwa aċċessibbli. Waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-kuntratt għall-edukazzjoni tal-istudenti tal-MCAST tobbliga lill-kumpaniji li jitfgħu l-offerta li jkollhom il-bini tagħhom aċċessibbli skont il-gwida li ħarġet il-KNPD. Iżda Ms Galea xorta tefgħet l-offerta u issa qiegħda tistenna li għada l-Bord tal-Appell tal-Kumitat tal-Kuntratti jagħti raġun lilha u mhux lill-KNPD.

Fl-offerta tagħha għall-kuntratt biex teduka lill-istudenti tal-MCAST, Future Focus minbarra l-bini tagħha fil-Floriana, semmiet ukoll li lesta tikri parti mill-bini ta' skola tal-Ingliż f'Tas-Sliema u parti minn lukanda fil-Mellieħa.

Iċ-ċentri tal-edukazzjoni tal-istudji tal-kompjuter jitolbu faċilitajiet apposta, li la ssibhom fi skola li tgħallem l-Ingliż u wisq inqas f'lukanda.

# Il-PL jappoġġja li jsir investiment f'apparat ta' enerġija nadifa

36 » huwa jkun kkristalizza l-proposti tiegħu u anke kkummissjona kif ukoll iffinalizza studji serji u indipendenti dwar l-impatt li l-inċineratur propost f'Marsaxlokk jista' jkollu kemm fuq l-ambjent u anke fuq saħħet iċ-ċittadini.

Dwar l-immodernizzar tal-impjant ta' Sant' Antnin, "iż-żmien tana raġun li l-proċess ta' konsultazzjoni kien wieħed ivvizzjat kif ikkonfermat minn diversi għejun fosthom il-Kummissjoni Ambjent tal-Knisja, kif wkoll min-nuqqas serju ta' trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan fl-istess ħin li l-EIA naqset milli tidentifika siti alternattivi adegwati", qal il-kelliem Laburista.

Huwa fakkar ukoll li l-Partit Laburista appoġġja l-iskemi li jinċentivaw li l-familji jinvestu f'apparat ta' enerġija nadifa iżda għadu sal-lum jistenna tweġibiet konkreti dwar kif qed jitħaddmu u għax ħafna applikanti baqgħu b'xiber imnieħer bi tweġibiet li ma jissodisfawx minnaħa tal-Ministeru u tar-regolatur, l-Awtorità Maltija tar-Riżorsi. L-aħħar stqarrija tal-PL dwar dan is-suġġett ilha ġimgħat mingħajr tweġiba.

Dwar l-iżvilupp tal-Wind Farms f'pajjiżna, il-PL huwa favur din is-sistema ta' enerġija alternattiva sakemm li meta jiġi għall-għażla tas-siti, l-Gvern iniedi proċess serju ta' konsultazzjoni mal-'istakeholders' kollha, kif ġie ssuġġerit lilu minn konsulenti barranin li qabbad huwa stess u li tħallsu mit-'tax-payers' Maltin u Għawdxin.

Leo Brincat qal li dwar is-sħubija ta' Malta f'IRENA - The International Renewable Agency, l-Gvern semma' l-pajjiżi li ssieħbu miegħu fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju ta' din is-sena iżda żamm lura milli jsemmi l-għadd kbir ta' pajjiżi li ssieħbu fl-istess jum tat-twaqqif tal-Aġenzija fosthom id-Danimarka, Ċipru, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Litwanja, il-Filandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, Iżrael, l-Italja, il-Latvja, l-Olanda, in-Norveġja, il-Portugal u s-Serbja.

Ma' dawn kien hemm oħrajn li ssieħbu fid-data tat-twaqqif f'Jannar 2009 fosthom il-Marokk, Djibouti, iċ-Ċili, iċ-Chad, il-Baħrein, Belarus, l-Eġittu u l-Iran.

Il-kelliem Laburista saħaq li jekk il-Gvern irid jittieħed bisserjetà u jistenna koperazzjoni kostruttiva m'għandux jibqa' jinħela f'ħafna botti kif għamel il-Ministru Pullicino, meta waqt konferenza tal-MEUSAC u l-Presidenza Svediża tal-UE dwar l-isfida tat-tibdil tal-klima, dan tefa' ħafna botti indiretti lejn l-Oppożizzjoni Laburista meta uffiċjalment qal li l-Gvern qed jipprova jmexxi minkejja li ħafna "nies" jibqgħu adamanti li jxerrdu l-konfużjoni u l-miżinformazzjoni.

"Quddiem il-verità' tal-fatti il-PL se jibqa' juri sens qawwi ta' maturità u responsabbiltà", temm jgħid Leo Brincat.

## Laqgħa tal-Kunsill Nazzjonali

Se ssir laqgħa tal-Kunsill Nazzjonali tal-GWU nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2009, fit-3.00 p.m. fil-Workers' Memorial Building, il-Belt. Il-membri tal-Kunsill huma mħeġġin biex ikunu fil-ħin avżat. Tul il-ħin tal-laqgħa l-Amministrazzjoni Ċentrali u s-Segretarji tat-Taqsimiet ma jkunux jistgħu jilqgħu lill-membri.

Dan l-avviż għandu jittieħed bħala ċirkolari.

**Tony Zarb, Segretarju Ġenerali**

Għaqda Pensjonanti

## Afternoon Tea

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2009, fil-Lukanda San Pawl, f'San Pawl il-Baħar. Tluq bil-coaches mill-postijiet tas-soltu fis-1.30 p.m. Biljetti mingħand il-helpers u mill-uffiċċju tal-Għaqda fil-Workers' Memorial Building, il-Belt jew ċemplu fuq 21227559 mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

**Vincent Esposito, Segretarju**

ANALIŻI *ma'* TONY ZARB





# Kundanna għall-isfruttament

BĦALA General Workers' Union (GWU) ilna nitkellmu dwar l-isfruttament tal-ħaddiema, speċjalment dawk barranin li qegħdin jaħdmu f'pajjiżna. Ilna nitkellmu wkoll dwar dak li jissejjaħ xogħol prekarju fejn il-ħaddiema jkunu mġiegħla jaħdmu b'kundizzjonijiet inferjuri.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, ix-xogħol prekarju aktar qed jiżdied f'Malta. Aktar u aktar ħaddiema qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' din il-problema. Dawn huma ħaddiema li, sfortunatament għalihom, ma jkunux membri ta' unjin. Għalhekk huwa ferm importanti li l-ħaddiema jisimgħu mill-appelli li nagħmlu aħna bħala unjin ħalli jissieħbu fi trejdunjin, bħalma hija l-GWU, l-akbar għaqda tal-ħaddiema fil-pajjiż.

Dan l-aħħar smajna bi storja ta' tliet ħaddiema Pakistani li ġew sfruttati minn min iħaddimhom. Dawn il-ħaddiema kellhom esperjenza kerha ħafna fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Dawn il-ħaddiema, filwaqt li twegħdu li se jitħallsu €650 fix-xahar, kienu jingħataw biss bejn €200 u €300 għal xahar xogħol ta' xi 13-il siegħa kuljum u jaħdmu sebat ijiem fil-ġimgħa.

Jekk dan mhuwiex sfruttament ċar, allura x'ikun sfruttament?

It-tajba hi li minn dak li qrajna, l-awtoritajiet kienu jafu x'għara u milli jidher ma ttiħdux passi serji biżżejjed kontra min sfrutta lil dawn il-ħaddiema. Il-każ ta' dawn il-ħaddiema Pakistani jfakkarna f'każ ieħor ta' ħaddiema Pakistani wkoll, li kienu qegħdin jaħdmu fl-Isptar Mater Dei, meta dakinhar dawn il-ħaddiema kienu resqu għall-għajnuna tal-GWU li, min-naħa tagħna, ħdimna biex dak l-isfruttament ma jibqax għaddej.

Meta wieħed jisma' każi bħal dawn jistaqsi "min jaf kemm-il każ ieħor ta' sfruttament ta' ħaddiema jeżisti f'pajjiżna? Min jaf kemm hawn ħaddiema, kemm Maltin kif ukoll barranin, għaddejjin minn din l-esperjenza kiefra."

Proprju hawn tikber ir-responsabbiltà tagħna bħala GWU li nkomplu nitkellmu dwar dan l-isfruttament li qiegħed isir fuq il-ħaddiema.

Iva huwa d-dmir u l-obbligu tagħna li nkomplu nitkellmu anke jekk nafu li mhux se nidhru sbieħ ma' dawk li qegħdin jisfruttaw lill-ħaddiema. Mhux ta' b'xejn dawn ma jħallux lill-impjegati tagħhom jissieħbu f'unjin.

Se nkomplu nitkellmu u xejn u ħadd mhu se jwaqqafna, anke jekk nafu li kull meta nitkellmu jista' saħansitra jkollna ħafna theddid u kull forma ta' intimidazzjoni. Kultant anke jkollna theddid fuq ħajjitna, iżda li niżguraw lil kulħadd huwa li iva aħna se nkomplu nitkellmu, iva se nkomplu nħeġġu lill-ħaddiema biex jissieħbu magħna fil-GWU ...biex inkunu ta' difiża lejn dawn il-ħaddiema, kemm jekk Maltin kif ukoll jekk ikunu barranin.

## Messaġġ

● *Il-messaġġ tagħna llum imur lejn dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tat-trasport. Lil dawn ngħidulhom li, fl-aħjar interess tagħhom, jaqblilhom li jkunu magħqudin ħalli jkunu f'pożizzjoni li jiddefendu l-interessi tagħhom. Tajjeb li jkunu jafu li l-GWU lesta tagħti sehemha biex din l-għaqda sseħħ.*

Nistiednek li tagħmel kumment jew suġġeriment fuq l-e-mail tiegħi tzarb@gwu.org.mt.